

Il-Papa Franġisku jistieden lilna lkoll matul dan ix-xahar biex ningħaqdu flimkien u nitolbu sabiex il-lajċi jaqdu l-missjoni tagħhom billi jirrispondu b'mod kreattiv għall-isfidi li qed tiffaċċja d-dinja llum.

**Qari:** *Mid-diskors ta' Papa Franġisku fil-Laqgħa pre-sinodali maż-żgħażagħ*

Jiġini f'moħħi l-eżempju meraviljuż tal-Messaġġ liż-żgħażagħ tal-Konċilju Vatikan II. Illum ukoll dan iservi bħala stimolu biex nitqabdu kontra kull egoiżmu u bil-kuraġġ nibnu dinja aħjar. Hu stedinna biex infittxu toroq ġodda u nterrquhom bil-kuraġġ u l-fiduċja, filwaqt li nżommu ħarsitna fissa fuq Ġesù u miftuħin għall-Ispirtu s-Santu, ħalli l-istess wiċċ tal-Knisja nagħmluh aktar żagħżugħ. Għaliex hu f'Ġesù u fl-Ispirtu li l-Knisja ssib il-forza biex tiġġedded dejjem billi tirrevedi ħajjitha u tara kif qed tippreżenta ruħha, billi titlob skuża għad-dgħufijiet tagħha u l-insuffiċjenza tagħha, bla ma tqis l-enerġija biex tkun ta' servizz għal kulħadd, bl-għan waħdieni li tkun fidila għall-missjoni li fdalha l-Mulej: li tgħix u tħabbar l-Evanġelju.

Għeżież żgħażagħ, il-qalb tal-Knisja hija żagħżugħa propju għax l-Evanġelju hu l-mediċina vitali li tirriġeneraha 'l ħin kollu..... Għandna bżonn nerġgħu nagħmlu tagħna l-entużjażmu tal-fidi u l-gost tar-riċerka. Jeħtieġ li fil-Mulej insibu mill-ġdid il-forza biex nerġgħu nqumu mill-fallimenti tagħna, nibqgħu mexjin 'il quddiem u nsaħħu l-fiduċja fil-futur. U hemm bżonn li "nazzardaw" infittxu mogħdijiet ġodda. Toqogħdux tibżgħu: azzardaw, fittxu mogħdijiet ġodda, anki jekk dan fih ir-riskju.

Mulej, inti d-dawl tal-ġnus li jwassal is-salvazzjoni sa truf l-art.
Inti ssejjaħ lil kull wieħed u waħda minna u tafdalna missjoni f'idejna.
Inti tistedinna biex naqsmu fil-ferħ tiegħek,
tistedinna biex ngħixu u noffru bil-ferħ kull mument ta' ħajjitna.
Fl-istess ħin, Mulej, int tistedinna biex inkunu tama għall-oħrajn,
tistedinna biex kull mument ta' ħajjitna
jsir don ta' mħabba għall-persuni qrib tagħna.

Mulej, m'intix tistenna li nagħmlu ħwejjeġ li jgħaġġbu lil kulħadd,
anzi, tridna nifhmu li rridu nitilqu mill-ħwejjeġ żgħar ta' kuljum.
Iżda dawn il-ħwejjeġ żgħar iridu jsiru b'imħabba u bil-ferħ,
ħalli nerġgħu nqajmu t-tama fejn hemm id-dlam, fejn hemm id-dubbju.
Għalhekk il-Papa Franġisku qed jistedinna nitolbu
Sabiex il-lajċi jaqdu l-missjoni tagħhom
billi jirrispondu b'mod kreattiv għall-isfidi li qed tiffaċċja d-dinja llum.
Mulej, il-mentalità tan-nies u d-dinja tal-lum tant inbidlet
li, biex inkunu effettivi, irridu bilfors insibu modi ġodda
kif inxandru l-kelma tiegħek, kif niskopru u nuru l-preżenza tiegħek
fid-dinja tal-lum u f'kull wieħed u waħda minna.
Għinna Mulej, sabiex nilqgħu l-istedina tal-Papa biex, bħala lajċi,
nagħrfu li aħna lkoll imsejħin biex nużaw it-talenti tagħna.
Nitolbuk, għinna ħalli ma nibżgħux nazzardaw, kif qal il-Papa,
inxammru l-kmiem u nħammġu jdejna,
ħalli ma nibżgħux nagħmlu affarijiet b'mod ġdid,
anke jekk jidher li hemm xi riskju,
speċjalment jekk hemm ir-riskju li noħorġu minna nfusna
biex insiru r-rigal tiegħek għall-oħrajn.
Agħtina l-kuraġġ biex neħilsu mill-egoiżmu tagħna,
biex ma ningħalqux fina nfusna,
iżda biex nagħtu lilna nfusna lill-oħrajn.
Agħmel Mulej li, permezz tal-ħidma tal-lajċi, inti tkun glorifikat,
inti li bgħatt lil ibnek il-waħdieni biex jeħlisna mid-dlam għad-dawl.

**KANT**

**Qari:** Mid-diskors tal-*laqgħa pre-sinodali tal-Papa Franġisku maż-żgħażagħ*

Raġel/mara li ma jirriskjawx, ma jimmaturawx. Istituzzjoni li tagħmel għażliet li ma fihomx riskju, tibqa' immatura, ma tikbirx. Irriskjaw, mgħammrin bil-prudenza, bl-għaqal, imma ibqgħu mexjin 'il quddiem. Tafu x'jiġrilu ż-żagħżugħ li ma jirriskjax? Jixjieħ! Jispiċċa pensjonant ta' 20 sena! Iż-żagħżugħ jixjieħ u l-Knisja tixjieħ ukoll. Ngħidha b'qalbi mnikkta. Kemm drabi nsib komunitajiet Insara, anki ta' żgħażagħ, li huma xjuħ. Xjieħu għax beżgħu. Beżgħu minn xiex? Li joħorġu, li joħorġu lejn il-periferiji eżistenzjali tal-ħajja, li jmorru fejn hemm il-futur fin-nofs.

U intom iż-żgħażagħ, intom provokazzjoni għalina biex noħorġu mil-loġika ta' "dejjem hekk sar". Dik il-loġika hi velenu. Hija velenu "ħelu", għax jikkalma r-ruħ u jħallik qiesek illuppjat, ma jħallikx timxi. Noħorġu mil-loġika ta' "dejjem hekk sar" biex, b'mod kreattiv, nibqgħu fir-radda tat-Tradizzjoni Kristjana awtentika, imma kreattiva. Jien lill-Insara nirrikmandalhom li jaqraw il-Ktieb tal-Atti tal-Appostli: il-kreattività ta' dawk in-nies. Dawk in-nies għarfu jimxu 'l quddiem bi kreattività li, jekk illum nagħmlu traduzzjoni ta' dak li tfisser, tbeżżagħna! Intom toħolqu kultura ġdida, imma attenti: dil-kultura ma tistax tkun "bl-għeruq maqlugħin". Pass 'il quddiem, imma li jħares lejn l-għeruq! Terġax lura lejn l-għeruq għax tispiċċa taħt l-art: agħmel pass 'il quddiem, imma dejjem marbut mal-għeruq.

Mulej, kemm hi ħaġa faċli li nagħmlu dak li dejjem għamilna,
li ma nippruvawx inkunu kreattivi,
li ma niċċaqalqux mir-radda li nkunu għamilna maż-żmien.
Iżda, kif qal il-Papa, meta nagħmlu hekk
inkunu qed nixjieħu qabel iż-żmien, inkunu qed neqirdu lilna nfusna,
inkunu qed neqirdu kollox, anke lill-Knisja li ngħidu li nħobbu.
Mulej, nitolbuk, agħtina l-kuraġġ li noħolmu,
li nwettqu l-ħolm tagħna, imma fl-istess ħin
nibqgħu fidili għall-messaġġ tal-Vanġelu.
Nitolbuk sabiex tagħtina l-kuraġġ biex nagħmlu bħal Ibnek Ġesù,
biex ma nibżgħux immissu b'idejna t-tbatijiet u l-ferħ tal-oħrajn.
Għinna biex b'mod kreattivi nużaw il-mezzi ta' komunikazzjoni moderni biex
inwasslu l-messagg tiegħek ta' mħabba.
Mill-banda l-oħra, għinna ħalli ma nużawx dawn l-għodod moderni
biex naħarbu l-kuntatt fiżiku u emozzjonali,
ħalli ma ninħbewx wara apparat sofistikat ta' skrins, kompjuters u mobiles
biex taparsi qed noffru l-għajnuna u l-kuntatt.
Kun dejjem magħna ħalli ma nużawhomx biex x'ħin nixbgħu,
inkunu nistgħu nitfu kollox,
nagħlqu kollox u noqtlu kull kuntatt li nkunu ħloqna.
Agħtina Mulej il-kuraġġ biex nilqgħu l-istedina tal-Vanġelu,
biex nidħlu għar-riskju tal-laqgħa mal-persuna wiċċ imb wiċċ:
"*mal-preżenza fiżika tiegħu li tisfidana;*
*mal-weġgħat tiegħu u mal-karbiet tiegħu;*
*mal-ferħ tiegħu li jittieħed fil-kuntatt fiżiku kostanti ma' xulxin*".

Għinna ħalli nifhmu li l-fidi tagħna
"*ma nistgħux nifirduha mid-don tagħna nfusna,*
*mill-fatt li aħna parti minn komunità,*
*mis-servizz, mir-rikonċiljazzjoni"* mal-persuna l-oħra.
Għinna Mulej sabiex "*nitgħallmu niskopru lil Ġesù fil-wiċċ tal-oħrajn,*
*fil-leħen tagħhom, fil-karbiet tagħhom".* (Evangelli Gaudium)

**KANT**

**Nitolbu flimkien**

Nitolbuk Mulej skont l-intenzjoni ta' Papa Franġisku sabiex il-lajċi jaqdu l-missjoni tagħhom billi jirrispondu b'mod kreattiv għall-isfidi li qed tiffaċċja d-dinja llum.

Nitolbu ... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk Mulej sabiex ma nibżgħux nagħmlu bħalma għamel Ġesù meta mar ħdejn il-bir u qagħad jitkellem mas-Sammaritana. Agħtina l-kuraġġ biex ma niddejqux immorru aħna stess fil-periferiji u nitkellmu u nuru l-ħniena u l-imħabba tiegħek, biex b'hekk inkunu sinjal ta' dawl u tama għal min hu mwarrab u emarġinat mis-soċjetà.

Nitolbu ... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk Mulej ħallli nagħrfu nkunu persuni ħielsa u miftuħa għal ħutna u għall-ħtiġijiet tagħhom.

Nitolbu ... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk Mulej tagħtina l-grazzja biex inkunu bħall-qaddisin, li ħabirku fil-ħajja ta' kuljum tagħhom biex ġabu bidla fil-komunitajiet tagħhom.

Nitolbu ... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Għinna Mulej biex nagħrfu li l-iktar ħaġa importanti hija li kull nisrani jiskopri l-mogħdija tiegħu, biex b'hekk ikun jista' juża t-talenti li inti tajtu biex ikun għas-servizz tal-komunità.

Nitolbu ... Ismagħna nitolbuk Mulej.